**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 272/2017**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali bin-Numru 2339/2017**

**Fl-ismijiet:-**

**Essam Bolous**

**Vs**

**Mark Spiteri**

**Illum, 22 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Mark Spiteri fl-20 ta' Settembru, 2017 fejn ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi fil-31 ta' Awissu 2017, ir-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali bin-numru u fl-ismijiet precitati. Illi b'tali ittra ufficjali Essam Bolous, filwaqt li ghamel referenza ghal erba' kambjali debitament iffirmati mir-rikorrent li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€1666.64) interpella lir-rikorrent sabiex fi zmien jumejn ihallsu tali somma. Illi tali ittra ufficjali saret ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia sabiex il-kambjali surreferiti jigu rezi ezegwibbli;

Illi r-rikorrent qieghed bil-prezenti rikors jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali surreferiti u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi r-retroxxena illi waslet ghall-iffirmat ta' tali kambjali mir-rikorrenti kienet illi r-rikorrenti kellu arretrati ta' kera dovuti lil Essam Bolous illi b'kollox kienu ammontanti ghas-somma ta' circa tlett elef u hames mitt Ewro (€3500). Illi infatti apparti l-kamjbali li taghhom qed tintalab l-ezekuzzjoni, kien hemm kambjali ohra iffirmati mir-rikorrent favur l-istess Essam Bolous. Illi sussegwentement intlahaq ftehim verbali bejn ir-rikorrent u Essam Bolous fejn ir-rikorrent, minflok ihallas l-arretrati ta' kera, kellu jesegwixxi xi xoghlijiet gewwa il-'Eurosaver Supermarket', fi Triq Censu Tanti, f'San Pawl il-Bahar u postijiet ohra. Illi r-rikorrent esegwixxa u ffinalizza tali xoghlijiet u kull meta kien jiffinalizza tali xoghlijiet Essam boulous kien jirritorna lir-rikorrent erba' kambjali kull darba. Illi prezentement ghadhom dovuti lir-rikorrenti 'il fuq minn elf u tmien mitt Ewro (€1800) ghax-xoghlijiet, liema omma hija ovvjament ikbar minn dik mitluba minn Essam Bolous. Ir-rikorrent ghaldaqstant kien talab lill-istess Essam Bolous sabiex jirritorna fil-pussess tieghu il-kambjali ffirmati mill-istess rikorrent u jhallsu d-differenza bejn is-somma ta' €1800 u €1666.64. Illi Essam Bolous mhux talli naqas milli jeffettwa l-hlas lir-rikorrenti izda rrifjuta illi jirritorna tali kambjali u bl-ittra ufficjali surreferita qieghed jitlob l-ezekuzzjoni tal-istess kambjali;

Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-ammont indikat fil-kambjali li taghhom qed tintalab l-ezekuzzjoni certament mhuwiex dovut. Illi inoltre, r-rikorrent huwa kreditur ta' Essam Bolous f'somma li teccedi l-ammont indikat fil-kambjali u ser iniehed il-proceduri gudizzjarji opportuni fil-konfront ta' Essam Bolous ghall-hlas tas-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€1800);

Illi fis-sentenza fl-ismijiet '**Giordmaina John et vs Pace Joseph et'** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2003, gie enuncjat is-segwenti:

*'Azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr referenza ghall-ftehim li wassal ghall-hrug taghha.'*

.....

*'Il-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu ezekuttiv, specifikament biex il-kambjala, diment li tkun ghadha fil-pussess tal-persuna favur min inharget, ma tigix uzata bhala magna ta' estorzjoni, izda min jitlob hlas fuqha ikun irid jiggustifika t-talba tieghu, ghax altrimenti tista' tkun obbligazzjoni bla kawza (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tieghu) li ma tistax tigi enforzata."*

Illi fl-umli fehma tar-rikorrent il-fatti suesposti jikkonstitwixxu ragunijiet gravi u validi, illi jiggustifikaw l-opposizzjoni tar-rikorrent ghal ezekuzzjoni tal-kambjali;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi in toto l-ezekuzzjoni tal-kambjali surreferiti, mitluba bl-ittra ufficjali bin-numru 2339/17 fl-ismijiet 'Essam Bolous vs Mark Spiteri' u dan ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 2 tal-Ligijiet ta' Malta;

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat ir-risposta prezetata mill-intimat Essam Bolous fis-17 ta' Ottubru, 2017 fejn eccepixxa:-

1. *Illi dak allegat minn Mark Spiteri fir-rikors tieghu datat 20 ta' Settembru, 2017 ma ghandux mis-sewwa. Jibda biex jinghad illi tali dejn ma kienx jirrisali ghal kirja izda self brevi manu.*

2. *Illi l-esponenti ghadda s-somma ta' hamest elef Euro (€5000) lil Mark Spiteri, bl-intendiment li din is-somma kellha tithallas lura fi zmien stipulate.*

3. *Illi Mark Spiteri naqas milli javversa tali hlas u ghaldaqstant, il-partijiet kienu ffirmaw skrittura private fil-prezenza ta' l-avukat Jason Grima fl-20 ta' Awissu, tas-sena 2014, fejn ghamlu referenza ghas-somma ta' hamest elef Ewro (€5000) li giet mislufa lill-istess Mark Spiteri qabel dik il-gurnata u stipulaw il-modalita' tal-hlas. Kuntrarjament ghal dak allegat minn Mark Spiteri fir-rikors tieghu, jirrizulta mill-istess skrittura li s-somma fuq imsemmija kienet giet mislufa ghal uzu personali tieghu kif jidher mill-anness dokument immarkat bhala Dok. A:*

> *"Din is-somma giet mislufa mill-kreditur lid-debitur ghal uzu personali tad-debitur u li sal-gurnata ta' din l-iskrittura ghadha pendent u mhux imhallsa."*

4. *Illi dakinhar tal-iffirmar ta' l-istess skrittura, gew iffirmati tnax-il (12) kambjala li lkoll jammontaw ghal hamest elef Ewro (€5000).*

5. *Illi ftehim surreferit kien jistipula l-modalita' tal-hlas b'dana illi Mark Spiteri kien obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' €416.66c u cioe' kambjala kull xahar, liema hlas kellu jsir l-20 gurnata ta' kull xahar mill-20 ta' Settembru 2014 sal-20 ta' Awissu tas-sena 2015.*

6. *Illi ghal darb' ohra Mark Spiteri naqas milli javversa l-hlasijiet kif stipulaw fil-ftehim tant li fis-17 ta' Ottubru 2016, l-esponenti tramite lill-avukat sottoskritt baghat ittra lil Mark Spiteri fejn dan ta' l-ahhar intalab is-somma ta' €4292.01c konsistenti in kwantu ghal €3700.00c rapprezentanti l-ammont dovut minnek skond l-istess skrittura u in kwantu ghal €592.091c bhala imghax bir-rata ta' 8% fuq tali ammont dovut, u dan bejn l-20 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-istess ittra Dok. B.*

7. *Illi jiem wara li Mark Spiteri ircieva l-ittra, huwa kien ikkomunika ma' l-esponenti sabiex ma jiehux passi legali fil-konfront tieghu u kien accetta li tigi ffirmata skrittura privata ohra bil-modalita' tal-pagamenti, tant li l-partijiet kienu dehru ghall-iffirmar ta' skrittura fil-prezenza ta' l-avukat sottoskritt izda tali skrittura ma gietx iffirmata minhabba nuqqas ta' ftehim fuq l-imghax.*

8. *Illi sussegwentement Mark Spiteri kien informa l-esponenti li kien ser jeffettwa l-ewwel pagament fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 2017 fejn ghal darb' ohra dan ma zammx ma' kelmtu u ma vversa l-ebda hlas.*

9. *Kien proprju fil-15 ta' Frar 2017, meta Mark Spiteri kien avvicina lill-esponenti fejn infurmat illi l-ammont dovut lilu tax-xoghlijiet effettwati minnu jammonta ghal efl Ewro (€1000), ghal liema ammont l-esponenti Essam Bolous ghadda tlett (3) kambjali lil Mark Spiteri fl-ammont ta' €416.66c kull wiehed u ammontanti ghal €1249.98c kumplessivament.*

10. *Illi minhabba d-differenza, Mark Spiteri ghadda s-somma ta' €208 permezz ta' cheque mahrug mill-istess Mark Spiteri lill-esponenti, liema cheque l-esponenti kien mitlub biex ma jsarrfux stante li ma kienx hemm flus fil-kont bankarju ta' Mark Spiteri.*

11. *Illi sussegwentement Mark Spiteri kien effettwa pagament iehor wara insistenza mill-esponenti.*

12. *Illi ghalhekk l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali ghadu dovut u ma huwiex minnu dak allegat minn Mark Spiteri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad ir-rikors datat 20 ta' Settembru 2017 bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat illi dan ir-Rikors gie assenjat lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu minn din il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-provi kollha l-ohra prodotti mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2019;

Rat illi r-Rikors gie mholli ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrenti f'dan il-kaz qieghed jinvoka d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 billi jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut minn Essam Boulous permezz tal-ittra ufficjali Numru 2339/2017, ghall-hlas tas-somma ta' elf sitt mija u sitta u sittin Euro u erbgha u sittin centezmu (€1,666.64) rapprezentanti import ta' erba' kambjali dovuti kwantu ghas-somma ta' €416.66 kull wahda.

L-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal procedura specjali fejn kambjali (jew *promissory notes*[1]) mahruga skont il-Kodici tal-Kummerc jitqiesu bhala titoli ezekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala kollha jew f'parti minnha. Din il-procedura tittiehed fuq rikors tal-persuna li tkun qed

[1] Il-proceduri odjerni jittrattaw kambjali u mhux promissory notes u ghalhekk mhux ser issir referenza hlief ghal kambjali.

topponi l-ezekuzzjoni, liema rikors ghandu jigi pprezentat entro ghoxrin (20) gurnata mid-data tan-notifika lilha tal-ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi dik il-kambjala ezekuttiva. F'kaz li l-qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, il-kreditur ikollu jiftah kawza skont id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 13 biex jesigi l-hlas tal-kambjala.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-procedura prospettata fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 filwaqt illi hija wahda specjali, hija wkoll procedura preliminari fejn il-verifika li ghandha ssir mill-Qorti hija wahda limitata li ssir fuq bazi *prima facie*[2] minghajr ma jsir stharrig tal-mertu tal-kontenzjoni bejn il-partijiet, jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reciproci bejn il-partijiet. Dan ghaliex l-istharrig tal-mertu jmissu jsir fil-kawza li jkollha titressaq mill-kreditur f'kaz illi l-qorti tilqa' t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Wara kollox, billi l-kambjala hija fiha nnifisha prova tad-dejn li jkun inholoq, l-emenda li saret bid-dhul fis-sehh tal-Att IX tal-2004 li bis-sahha taghha l-kambjala saret titolu ezekuttiv, kienet intiza biex tevita azzjonijiet inutili.

Effettivament, is-subinciz (e) tal-Artikolu 253 jillimita b'mod espress ir-ragunijiet li minhabba fihom tista' tintalab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Dawn ir-ragunijiet huma: (i) illi l-firma fuq il-kambjala ma tkunx ta' min ikun qed jopponi ghall-ezekuzzjoni taghha jew tar-rapprezentant tieghu; jew (ii) ikunu jezistu ragunijiet ohra gravi u validi biex issir oppozizzjoni ghal dik l-ezekuzzjoni.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tar-ragunijiet gravi u validi prospettati mis-subinciz (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-ragunijiet elenkati mill-Kodici tal-Kummerc li minhabba fihom kambjala tista' tinzamm milli tithallas. Kulma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-qorti tara jekk, *prima facie*, hemmx

[2] **Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2016.

ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala, u dan sabiex f'kaz affermattiv, ir-rikorrent ikollu l-opportunita` jikkontesta l-kawza eventwali li, f'kaz li tintlaqa' t-talba tieghu ghas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawza bhal dik, l-eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-mansjoni tal-qorti f'proceduri taht l-Artikolu 253(e) illi tiddetermina jekk il-konvenut ikunx jista' jressaq b'success dawn l-eccezzjonijiet f'kawza eventwali."[3]

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent isostni illi jezistu ragunijiet gravi u validi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta' dan it-titolu ezkeuttiv, liema ragunijiet jikkonsistu in succint, fl-allegazzjoni illi huwa mhux talli diga` hallas l-import kollu tal-kambjali li gew rezi ezekuttivi bl-ittra ufficjali Numru 2339/2017, talli huwa kreditur ta' Essam Bolous fis-somma ta' €1,800 billi l-intimat irrifjuta li jaghtih lura l-kambjali li l-import taghhom jinsab saldat.

Il-verzjoni tar-rikorrent kif imfissra fir-Rikors promotorju, hija illi huwa kien jikri appartament minghand Essam Bolous u kellu jaghtih arretrati ta' kera fis-somma ta' €3,500 oltre ammont ulterjuri li ghalih kienu diga` nhargu kambjali ohrajn. Jghid illi ntlahaq ftehim verbali mal-intimat Bolous illi l-arretrati tal-kera minnu dovuti jithallsu permezz ta' xogholijiet li kellhom jigu ezegwiti fil-fond di proprjeta` tal-istess intimat, bl-isem Eurosaver Supermarket gewwa San Pawl il-Bahar, u gewwa proprjetajiet ohrajn tieghu. Ir-rikorrent isostni illi dawn ix-xogholijiet huwa wettaqhom u l-ftehim kien illi kull darba li jezegwixxi x-xogholijiet miftiehmin, l-intimat kellu jirritornalu u effettivament irritornalu erba' kambjali kull darba. Izda skont ir-rikorrent, ghalkemm huwa wettaq xogholijiet ghall-intimat b'valur ta' €1,800, l-istess intimat la hallsu ghal dan ix-xoghol u lanqas irritornalu l-kambjali, bir-rizultat illi allegatament, huwa

[3] **Ian Pecorella vs. Sovereign Caterers Limited,** 11.03.2009, Prim'Awla.

ghandu jiehu minghand Essam Bolous ammont ikbar minn dak dovut fuq il-kambjali li gew rezi ezekuttivi.

L-intimat Essam Bolous jopponi t-talba ghas-sospensjoni u jilqa' ghall-verzjoni tar-rikorrent billi jichad illi d-dejn huwa naxxenti minn arretrati ta' kera li kellu jaghti r-rikorrent. L-intimat fisser kif huwa silef lil Mark Spiteri s-somma ta' €5,000 kif jidher mill-iskrittura privata tal-20 ta' Awwissu 2014, liema self gie garantit bil-hrug ta' tnax-il kambjala fis-somma ta' €416.66 kull wahda. Jghid illi wara li r-rikorrent hallas xi kambjali u kien evidenti li ma kellux mezzi biex ikompli jhallas, il-partijiet lahqu ftehim illi r-rikorrent jaghmillu xi xoghol tal-irham ta' valur li gie stabbilit fis-somma ta' €1,000, u b'hekk huwa ta lir-rikorrent tliet kambjali fis-somma komplessiva ta' €1,249.98. Dan sar bil-patt illi r-rikorrent ihallas is-somma ta' €208, cioe` l-import ta' nofs kambjala, permezz ta' *cheque* sabiex il-hlas effettiv lill-intimat jigi jirrifletti l-import preciz tat-tliet kambjali li nghataw lura lir-rikorrent. L-intimat kompla jghid illi dan ic-*cheque* baqa' ma ssarrfax u ghalhekk Mark Spiteri ghad ghandu jaghti s-somma ta' €1,666.64 rapprezentanti l-import tal-erba' kambjali mertu tal-ittra ufficjali Numru 2339/2018.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva mill-ewwel illi meta xehed f'dawn il-proceduri wara li giet ipprezentata r-Risposta tal-intimat, il-verzjoni tar-rikorrent inbidlet tassew minn dik imfissra minnu fir-Rikors promotur. Kuntrarjament ghal dak minnu premess originarjament, fit-testimonjanza tieghu ir-rikorrent spjega illi kien ghaddej minn diffikoltajiet finanzjarji u ghalkemm kellu jaghti lill-intimat xi arretrati tal-kera fis-somma ta' cirka €3,500, huwa talbu wkoll jisilfu xi flus u l-intimat silfu somma flus biex b'hekk is-somma totali minnu dovut b'kollox lil Essam Bolous lahqet dik ta' €5,000. Eventwalment, ikkonferma illi l-partijiet ikkonkludew l-iskrittura privata li

giet esebita mill-intimat mar-Risposta[4], fejn gie dikjarat li huwa kien sellef is-somma ta' €5,000 minghand Essam Bolous u fejn gie miftiehem ukoll illi jinhargu tnax-il kambjala fis-somma ta' €416.66 kull wahda biex ikopru s-somma dovuta u li dawn kellhom jaghlqu wahda kull xahar. Huwa evidenti illi din il-verzjoni tikkuntrasta mhux ftit mal-verzjoni mfissra fir-Rikors promotur.

Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu kompla jsostni illi mhux minnu li ghad ghandu jaghti bilanc ta' €1,666.64 fuq il-kambjali ghaliex is-somma ta' €5,000 tinsab kollha mhallsa b'xogholijiet li huwa wettaq ghall-intimat in linea ta' pagament tal-kambjali.

Izda ghall-Qorti il-verzjoni tar-rikorrent mhijiex attendibbli. Tibda billi tosserva illi l-allegazzjoni inizzjali tar-rikorrent fir-Rikors promotur illi "*kull meta kien jiffinalizza tali xogholjiet Essam Bolous kien jirritorna lir-rikorrent erba' kambjali kull darba*", tikkunstrasta bis-shih mad-deposizzjoni eventwali tieghu, fejn fisser illi kull meta kien ilesti xi xogholiiet tal-irham, l-intimat kien jaghtih lura xi kambjali li jirrispekkjaw il-valur tax-xoghol li jkun ghamel. Barra minn hekk, il-Qorti tistenna illi kieku verament ir-rikorrent ezegwixxa xoghol ghall-intimat li bih issalda l-import kollu tal-kambjali, ghal liema xoghol huwa qal li ma thallasx u lanqas ntraddulu lura l-kambjali rapprezentanti l-valur tax-xoghol minnu ezegwit, *de minimis* kellu jigi prodott **kont li juri x-xoghol minnu mwettaq, bir-rati miftiehma jew mitluba u bil-valur komplessiv tax-xoghol, jew xi prova ohra li turi mqar *prima facie*, illi gew ezegwiti xogholijiet ta' valur bizzejjed biex gie saldat l-import tal-kambjali kollha**.

Izda minn dan m'hemm xejn fl-atti u r-rikorrent ma ressaq ebda prova li sservi biex tissostanzja l-verzjoni tieghu b'rabta mal-valur tax-xogholijiet li qal li huwa wettaq ghall-intimat u li saru a saldu tal-bilanc dovut fuq il-kambjali. Il-Qorti fehmet illi dan

[4] Dok. A a fol. 9.

in-nuqqas huwa dovut proprju ghall-fatt illi **r-rikorrent ma ghandux, effettivament, provi x'jipproduci** u dan kif ikkonfermat minnu meta xehed in kontro-ezami. Ix-xhieda ta' Louis Myers ma tista' tkun ta' ebda soljev ghar-rikorrent ghaliex huwa evidenti li x-xogholijiet li huwa kkonferma li saru mir-rikorrent, ma kienux dawk li saru bi hlas tal-kambjali izda kienu xogholijiet li saru ferm **qabel** ma ntlahaq il-ftehim bejn il-partijiet li jsiru xogholijiet mir-rikorrent in linea ta' pagament ta' whud mill-kambjali.

Ghall-Qorti huwa wkoll sinjifikanti l-fatt illi fid-depozizzjoni tieghu, ir-rikorrent irrikonoxxa illi huwa kien hareg *cheque* pagabbli lil Essam Bolous fis-somma ta' €208, rapprezentanti l-bilanc li kien ghad fadal x'jithallas biex jigi saldat l-import tal-kambjali skaduti u dan wara illi skont l-istess rikorrent, l-intimat ivvaluta x-xoghol ezegwit minnu fis-somma ta' elf Euro biss minflok fis-somma minnu pretiz ta' €1,800. Ir-rikorrent xehed hekk fir-rigward:-

"*Ghalhekk, jekk nimxu fuq il-ftehim tieghu stess, jiena ghad fadalli ntih ta' kambjala wahda skont il-prezz li hareg hu.*"[5]

Ghall-Qorti huwa evidenti illi galadarba r-rikorrenti stess irrikonoxxa illi huwa hareg cheque ta' €208 **- li jirrizulta li baqa' qatt ma ssarraf -** u dan biex jissalda l-bilanc dovut lill-intimat, l-allegazzjoni tieghu illi huwa ssalda l-import kollu tal-kambjali bix-xoghol li wettaq ghall-intimat, ma tistax titqies bhala verosimili, u wisq anqas tista' tigi emmnuta l-allegazzjoni tieghu li huwa l-intimat li ghandu jaghti lilu.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-verzjoni elaborata mfissra mir-rikorrent fit-testimonjanza tieghu, giet skreditata ulterjorment meta xehed in kontro-ezami, ghaliex

[5] Fol. 18

hawnhekk huwa ma ftakar kwazi xejn minn dak li suppost huwa hallas lill-intimat mill-ammont dovut fuq il-kambjali, la f'liema zmien sar il-hlas, la l-ammonti mhallsin u lanqas in-numru ta' kambjali li ntraddulu lura. **Ir-rikorrenti jiftakar biss illi huwa kien ghamel diversi xogholijiet fuq struzzjonijiet tal-intimat in linea ta' hlas u l-kambjali ma nghatawlux lura**. Jiftakar ukoll illi ma kienx zamm dawk il-kambjali li kien tah lura l-intimat, izda ma jiftakar xejn iktar.

Ikkunsidrat;

Wara li rat l-atti, il-Qorti hija tal-fehma li hemm wisq kontradizzjonijiet u dubji fil-verzjoni tar-rikorrent biex dawn jittiehdu bis-serjeta` u din il-verzjoni m'hijiex ta' kalibru bizzejjed biex isservi bhala bazi ta' oppozizzjoni ghat-titolu ezekuttiv li ghandu l-intimat u bhala raguni gravi u valida ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni. Kif inghad, billi l-ligi fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 ma tispecifikax x'inhuma r-"*ragunijiet ohra gravi u validi*" li jistghu jinghataw b'success f'talba ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala, hija mhollija lid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tilqa' jew le talba li ssirilha taht l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi.

Kif ritenut in propositu:-

"*Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni*".

Fil-kumpless tal-provi kollha migjuba, il-Qorti ma tqisx li jista' jkun hemm xi dubju serju dwar jekk l-ammonti msemmija fil-kambjali, ghadhomx dovuti jew le, u hija tal-fehma illi eccezzjoni bhal dik moghtija mir-rikorrent, opposta mill-intimat u mhux sorretta b'ebda mod, ftit li xejn jista' jkollha success f'xi kawza eventwali ghall-hlas tal-kambjala. Kuntrarjament ghall-fatti tal-kaz mertu tas-sentenza fl-ismijiet **Charles**

**Pace et vs John Tonna et**[6], f'dan il-kaz bl-ebda mod ma jirrizulta illi l-kambjali li taghhom qed tintalab l-ezekuzzjoni, gew imhallsa. It-tezi tal-intimat li huwa ssalda l-import tal-kambjali bil-valur ta' xoghol imwettaq, m'hijiex konvincenti u ma gietx sorretta sodisfacjentement, lanqas fuq bazi *prima facie*, biex isservi ta' sostenn ghat-talba biex tigi sospiza l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv.

Wara kollox, kif rajna, il-kambjala *ut sic* filwaqt illi hija prova tad-dejn, tikkostitwixxi wkoll titolu ezekuttiv li huwa enforzabbli jekk ma ssirx l-oppozizzjoni mfissra fl-Artikolu 253(e), u hija ghal din ir-raguni li t-tifsira ghall-eccezzjoni kontra l-ezekuttivita` ta' dan it-titolu, cioe` t-tifsira ta' raguni "gravi u valida", ma tridx tkun wahda wiesgha li ggib fix-xejn l-effetti tat-titoli ezekuttiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-verzjoni tar-rikorrent tammonta ghal raguni gravi li tiggustifika s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali Nru. 2339/2018 ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent fir-Rikors promotur ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali msemmija fl-ittra ufficjali numru 2339/2017 fl-ismijiet "Essam Bolous vs Mark Spiteri", bl-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-istess rikorrent.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**

---

[6] Qorti tal-Magistrati (Malta), deciza 6 ta' Marzu 2013.